**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. RGĦ 40/14

**Minuti tal-40 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 10 ta' April 2014.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa fis-6:00 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; il-President Samuel Azzopardi, il-Viċi President Joseph Sultana, u l-membri, Paul Azzopardi, Salvu Borg, Nicky Saliba, Anthony Formosa, Joe Cordina, Charles Said u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv). Skużati - Mario Azzopardi (membru) u Frans Cauchi (membru)

1. **Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti**

1.1 Intqalet t-talba. Il-minuti ma nqrawx peress illi ntbgħatu minn qabel. Is-segretarju nnota illi kien hemm talba għal kjarifika u tibdil fl-abbozz tal-minuti. Dawn ġew mibdula u reġgħet intbgħatet kopja oħra tal-minuti. Il-minuti ġew approvati unanimament.

1.2 Joe Cordina qajjem il-mistoqsija b'referenza għall-minuti dwar min ser jagħmel tajjeb għas-sitwazzjoni finanzjarja tar-Reġjun. Hu stqarr illi aktar mas-sitwazzjoni ser titwal il-qagħda finanzjarja ser tmur għal għar. Il-President stqarr illi bħala Kumitat Reġjonali mwaqqaf bil-liġi huwa obbligat illi joffri s-servizz tal-infurzar lokali. Huwa qal illi kemm id-Dipartiment, l-Eżekuttiv u l-Aġenzija illi tipprovdi is-servizz tal-gwardjani huma konxji dwar is-sitwazzjoni finanzjarja ġenerata mill-istess infurzar lokali. Huwa ssuġġerixxa illi l-istess ittra li kienet intbgħatet lill-Onor. Josè Herrera tintbgħat ukoll lis-Segretarju Parlamentari l-ġdid Onor. Stefan Buontempo.

2. **Korrispondenza**

*2.1* Mir-Reġjun t' Aquitaine dwar stedina għall-mużiċisti zgħazagħ sabiex jiffurmaw parti minn *European Youth Orchestra* bejn il-11 u 16 ta' Mejju. Il-President informa illi din hija opportunità sabiħa u diġa kien hemm esperjenzi meta ħadu sehem żgħażagħ permezz tal-Kunsill tal-Belt Victoria. Huwa ssuġerixxa illi jkun hemm *auditions* sabiex jintagħżlu l-mużiċisti. Ġie nominat is-surmast Mark Gauci sabiex isiru l-*audtions.*

2.2 Mingħand Philip Vella Sindku ta' Sannat, fejn talab sabiex ma jkunx hemm aktar servizz tal-gwardjani lokali fil-lokalità minħabba abbużi li saru mill-istess gwardjani. Is-segretarju nforma lis-Sur Vella illi waqt li ser jiġi investigat l-abbuż u titieħed azzjoni, it-talba sabiex jitneħħa s-servizz tal-gwardjan ma tistax tiġi milqugħa peress illi ma jistax isir infurzar ristett għal ċertu zoni pubbliċi skont direzzjoni tal-*LES Management Committee.*

2.3 Mingħand Remigio Bartolo (Focal Point Manager – European Agency for Safety and Health at Work) sabiex nissieħbu fil-lista tan-National network partners. Il-Kumitat Reġjonali aċċetta.

2.4 Rapport tar-rotta bi prova tal-*Green Wardens* f'Għawdex li sar fi Frar. Mir-riżultati tar-rapport jidher ċar illi attwalment l-kumitat Reġjonali ma jiflaħx għall-piż finanzjarju. Għalkemm kien hemm tifħir dwar din l-inizjattiva, ir-riżultati jidhru biċ-ċar li mhix vijabbli.

2.5 Mingħand Pio Farrugia dwar ir-Reġistratur tat-tribunal lokali sabiex jiġi assorbit mir-Reġjun. Wara diskussjoni dwar is-suġġett ġie deċiż illi fiċ-ċirkustanzi preżenti, minħabba

d-diffikultajiet finanzjarji, ir-reġjun ma jinsabx f'sitwazzjoni sabiex jassorbi impjegati miegħu.

3. ***White Paper* – Riforma dwar l-Infurzar lokali**

3.1 Il-President stqarr illi din il-materja ġiet ukoll diskussa waqt laqgħa illi saret mal-Onor. Herrera eżatt qabel il-laqgħa ta konsultazzjoni nhar is-Sibt 29 ta' Marzu 2014. Fi spjegazzjoni illi ngħatat mis-Sur Michael Cohen bħala konsulent tal-Gvern fuq din il-materja, u kif hemm ukoll imniżżel fil-*White Paper*, il-Gvern ser iwaqqaf *Central Unit* illi magħha ser ikunu mpjegati l-gwardjani lokali. L-infurzar ser jibda jiġi aktar ibażżat fuq l-edukazzjoni tal-pubbliku. Ser isir ukoll taħriġ lill-gwardjani lokali fuq dan l-aspett. It-twaqqif ta' dan il-unit ċentrali ser iservi ukoll sabiex jitneħħa l-piż finanzjarju minn fuq ir-reġjun waqt illi xorta jiġi provdut is-servizz f'Għawdex skont il-ħtieġa.

3.2 Is-segretarju stqarr illi ġew imsemmija punti oħrajn anke dwar l-infurzar fuq l-ambjent. Fosthom tqajjmet il-problema ta' annimali (l-aktar klieb) jiġru fit-toroq. Il-membri preżenti qalu illi attwalment ma teżistix proċedura illi dawn l-annimali jistgħu jinġabru. Tressqu ukoll diversi suġġerimenti ta'titjib fil-ġbir tal-flus mis-sistema tal-infurzar fuq ċitazzjonijiet pendenti.

4. **Rapport u *follow-up* viżta ġewwa l-Emilia Romagna**

4.1 Is-segretarju stqarr illi ser jibgħat rapport taż-żjara illi saret ġewwa l-Emilia Romagna. Il-President irringrazzja lid-delegazzjoni kif ukoll *Gozo Business Chamber* tal-interess illi urew u anke mir-rapport illi ġie preżentat mill-Viċi President Joe Borġ jidher illi kienu ferm sodisfatti mill-organizazzjoni ta' din iż-żjara. Iż-żjara kienet ta xorta unika għal Għawdex peress illi kien rappreżentat fuq livell reġjonali. Il-laqgħa l-aktar importanti saret bejn id-delegazzjoni tar-reġjun t' Għawdex imexxi mill-President Dr Samuel Azzopardi u l-Viċi President tar-Reġjun Emilia Romagna Simonetta Saliera. Ġie iffirmata *Memorandum of Understanding* bejn il-ConfCooperative u l-*Gozo Business Chamber* dwar importazzjoni u esportazzjoni ta' prodotti tipiċi taż-żewġ reġjuni. Kien hemm laqgħa oħra mportanti dwar l-edukazzjoni fejn ġie miftiehem ukoll illi jkun hemm kollaborazzjoni f'dan is-settur.

4.2 Żjarat u laqgħat oħra saru fiż-żona ta' Parma u d-Delta del Po fejn is-Sindki preżenti kellhom l-okażżjoni jiltaqgħu wkoll ma diversi Sindki ta' diversi lokalitajiet f'dawn iż-żoni.

5. **Progress dwar id-devoluzzjoni tal-*Street Lighting***

5.1Is-Segretarju nforma illi saret laqgħa mal-*project leaders.* Għaliha attendew il-President u s-Segretarju fejn ġew kjarifikati xi punti dwar id-dokument tal-offerta. Is-Segretarju qal ukoll li ġiet diskussa id-devoluzzjoni. Però s'issa dwar din il-materja għadd ma kien hemm l-ebda żvilupp.

6. **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

6.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 28 illi tammonta għall-€42,352.47 ġiet approvata kif annessa ma dawn il-minuti.

7. **Materji Oħra**

7.1 Joe Cordina (membru) semma l-proġett tal-Local Action Group (LAG) dwar *sign postings* f'żoni t'interess fil-lokalitajiet. Huwa qal lis-segretarju sabiex jiltaqa mal-manager tal-LAG sabiex tinstab soluzzjoni.

7.2 Dr Samuel Azzopardi ta' rapport dwar laqgħa tal-Kunsill għall-Koordinament Ġenerali illi tagħha huwa membru. Dan ser ikun qed jiltaqa darba fix-xahar. Għal din il-laqgħa fejn ġie anke diskuss l-istat ta' toroq f'Għawdex. Intalbet lista ta' prijorità tat-triqat illi saru l-LAs tagħhom fil-lokalitajiet.

7.3 Is-segretarju nforma wkoll illi qed jirċievi numru ta' *complaints* anke mingħand il-membri preżenti dwar infurzar esaġerat waqt il-ħinijiet tal-quddies kull nhar ta' Ħadd. Huwa ssuġġerixxa illi l-Ħadd titnaqqas rotta u titpoġġa fost il-ġimgħa. Kulħadd qabel ma din il-proposta. Huwa qal illi ser ikellem lill-uffiċjal awtorizzat sabiex jitwettaq dan it-tibdil.

7.4 Ġew preżentati u iffirmati l-kopji tal-*financial statements* 2013. Is-segretarju nforma illi t-tibdil li sar huwa fit-test tal-*financial statements* u għalhekk id-differenzi m'humiex materjali peress illi m'hemmx tibdil fl-ammonti.

_________________ _________________

Dr Samuel Azzopardi
President

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv